ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 8

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

12 ta' Jannar 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom** [1] ..... 1

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 20/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 14

**Prezz: EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 19/2011

**tal-11 ta' Jannar 2011**

**li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 (1) (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa Regolament separat għall-iskopijiet ta' approvazzjoni skont it-tip prevista fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) [2].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-pjanċi u l-iskrizzjonijiet regolamentari għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u l-post fejn jitqiegħdu u l-metodu ta' kif jitwaħħlu [3] Ir-rekwiżiti stipulati f'dik id-Direttiva għandhom jitniżżlu f'dan ir-Regolament u fejn meħtieġ, jiġu emendati sabiex ikunu adattati għall-iżvilupp tal-għarfien xjentifiku.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fundamentali dwar ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip ta' vetturi fir-rigward ta' metodi tas-sistemi tal-identifikazzjoni tal-vettura. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti wkoll proċeduri, testijiet u rekwiżiti speċifiċi għal din it-tip ta' approvazzjoni skont it-tip.

(4) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni armonizzata dwar il-piż mgħobbi massimu permessibbli jew il-piżijiet massimi permessibbli għal fusijiet jew gruppi ta' fusijiet ta' vetturi għal xogħol ta' strapazz (heavy duty), id-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1997 dwar il-masses u d-dimensjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE [4] tipprovdi għad-determinazzjoni ta' reġistrazzjoni/piżijiet massimi permessibbli waqt l-użu li għandhom jiġu ddeterminati għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni, tad-dħul fis-servizz jew tal-użu ta' vetturi għal xogħol ta' strapazz fit-territorju ta' Stat Membru. Għaldaqstant, huwa xieraq li fil-mudell tal-pjanċa statutorja tal-manifattur tiġi inkluża r-reġistrazzjoni/piżijiet massimi permessibbli waqt l-użu. Għal raġunijiet ta' sikurezza fit-triq, huwa wkoll xieraq li jiġi inkluż il-piż massimu permessibbli fuq grupp ta' fusijiet.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur,

[1] ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.
[2] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
[3] ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1.
[4] ĠU L 233, 25.8.1997, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ambitu**

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi kompluti u dawk mhux kompluti tal-kategoriji M, N u O.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament,

(1) 'pjanċa statutorja tal-manifattur' tfisser pjanċa jew tabella, imwaħħla mill-manifattur fuq vettura li tipprovdi l-karatteristiċi tekniċi ewlenin li huma meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-vettura u li tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti dwar il-piżijiet mgħobbija massimi permessibbli;

(2) 'numru ta' identifikazzjoni tal-vettura' (VIN) tfisser il-kodiċi alfanumeriku mogħti lil vettura mill-manifattur sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa ta' kull vettura;

(3) 'tip ta' vettura' tfisser sett ta' vetturi kif definit fl-Anness II Parti B tad-Direttiva 2007/46/KE.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni skont it-tip KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-pjanċa statutorja tal-manifattur u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura**

1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jipprovdi lill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni skont it-tip l-applikazzjoni għal approvazzjoni skont it-tip KE għal tip ta' vettura fir-rigward tal-arranġament u tal-post tal-pjanċa statutorja tal-manifattur u l-kompożizzjoni u l-post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura.

2. L-applikazzjoni għandha ssir skont id-dokument ta' informazzjoni dwar il-mudell stipulat fil-Parti A tal-Anness III.

3. Jekk jitqies neċessarju mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni jew mis-servizz tekniku, il-manifattur għandu jagħmel disponibbli vettura rappreżentattiva tat-tip li trid tiġi approvata għall-iskopijiet tal-ispezzjoni.

4. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Anness I u fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ikunu sodisfatti, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni skont it-tip b'konformità mas-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

Stat Membru ma jistax jagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

5. Għall-iskop tal-paragrafu 4, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni skont it-tip għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni skont it-tip KE stabbilit b'konformità mal-mudell stipulat fil-Parti B tal-Anness III.

*Artikolu 4*

**Il-validità u l-estensjoni tal-approvazzjonijiet skont it-tip KE mogħtija skont id-Direttiva 76/114/KEE**

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippermettu l-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi tal-approvazzjoni skont it-tip qabel id-data msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 u għandhom ikomplu jagħtu estensjoni lill–approvazzjonijiet mogħtija skont it-termini tad-Direttiva 76/114/KEE.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**REKWIŻITI TEKNIĊI**

PARTI A

**Pjanċa statutorja tal-manifattur**

1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

1.1. Kull vettura għandha tkun mgħammra bi pjanċa statutorja tal-manifattur deskritta f'din it-taqsima.

1.2. Il-pjanċa statutorja tal-manifattur għandha tkun imwaħħla mill-manifattur tal-vettura jew rappreżentant tiegħu.

1.3. Il-pjanċa statutorja tal-manifattur għandu jkollha wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) folja rettangolari tal-metall

(b) tabella rettangolari li teħel waħidha

1.4. Il-pjanċi mettaliċi għandhom jitwaħħlu b'imsiemer irbattuti.

1.5. It-tabelli għandhom ikunu magħmula b'tali mod li juru meta jiġu mbagħbsa, li jkunu reżistenti għall-frodi u li jinqerdu minnhom infushom f'każ li xi ħadd jipprova jneħħi t-tabella.

2. **Informazzjoni li għandha tissemma fuq il-pjanċa statutorja tal-manifattur**

2.1. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun stampata b'mod li ma titħassarx fuq il-pjanċa statutorja tal-manifattur hekk kif inhi elenkata fil-lista:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur;

(b) in-numru sħiħ tal-approvazzjoni skont it-tip tal-vettura;

(c) in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura;

(d) il-piż mgħobbi massimu teknikament permessibbli;

(e) il-piż massimu teknikament permessibbli tal-kombinazzjoni;

(f) il-piż massimu teknikament permessibbli fuq kull fus elenkat fl-ordni ta' minn quddiem għal wara.

2.2. L-għoli tal-karattri m'għandux ikun inqas minn 4 mm.

3. **Dispożizzjonijiet speċifiċi**

3.1. *Trejlers*

3.1.1. Fil-każ ta' trejler, il-piż vertikali statiku massimu teknikament permessibbli fuq il-punt tal-igganċjar għandu jkun imsemmi.

3.1.2. Il-punt tal-igganċjar għandu jitqies l-ewwel fus u jingħata n-numru '0'.

3.1.3. L-ewwel fus għandu jingħata n-numru '1', it-tieni '2' eċċetra, segwiti minn ħajfin.

3.1.4. Il-piż tal-kombinazzjoni msemmi fil-punt 2.1. (e) għandu jitħalla barra.

3.2. *Il-vetturi kollha għal xogħol ta' strapazz*

3.2.1. Fir-rigward ta' vetturi tal-kategorija N3, O3 jew O4, il-piż massimu teknikament permessibbli fuq grupp ta' fusijiet għandu jissemma wkoll. In-nota li tikkorrispondi ma' "Grupp ta' Fusijiet" għandha tkun identifikata mill-ittra 'T'.

3.2.2. Fir-rigward ta' vetturi tal-kategoriji M3, N3, O3 jew O4, il-manifattur jista' jsemmi fuq il-pjanċa statutorja tal-manifattur ir-reġistrazzjoni maħsuba/il-piż mgħobbi massimu permessibbli waqt l-użu.

3.2.2.1. F'każ bħal dan, il-parti tal-pjanċa statutorja tal-manifattur fejn il-piżijiet huma msemmija għandha tiġi sottodiviża f'żewġ kolonni: ir-reġistrazzjoni maħsuba/piżijiet massimi permessibbli waqt l-użu għandhom jissemmew fil-kolonna tax-xellug u l-piżijiet mgħobbija massimi teknikament permessibbli fil-kolonna tal-lemin.

3.2.2.2. Il-kodiċi tal-pajjiż fejn il-vettura hija maħsuba li tiġi rreġistrata għandu jiġi msemmi bħala header tal-kolonna tax-xellug.

Il-kodiċi għandu jkun f'konformità mal-Istandard ISO 3166-1: 2006.

3.2.3. Ir-rekwiżiti tal-punt 3.2.1 m'għandhomx japplikaw:

(a) meta l-massa massima teknikament permissibbli fuq grupp ta' fusien hija s-somma tal-massa massima teknikament permissibbli fuq il-fusien li jifformaw parti minn dak il-grupp ta' fusien, u

(b) meta l-ittra "T" tiżdied bħala suffiss mal-massa massima fuq kull fus li jifforma parti minn dak il-grupp ta' fusien;

(c) meta jiġu applikati r-rekwiżiti tal-punt 3.2.2, il-massa massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu fuq il-grupp ta' fusien hija s-somma tal-massa massima permissibbli ta' reġistrazzjoni/fl-użu fuq il-fusien li jifformaw parti minn dak il-grupp ta' fusien.

4. **Informazzjoni addizzjonali**

4.1. Il-manifattur jista' jindika informazzjoni addizzjonali hawn taħt jew maġenb l-inskrizzjonijiet preskritti, barra r-rettangolu mmarkat ċar li għandu jinkludi biss l-informazzjoni preskritta fit-Taqsimiet 2 u 3.

5. **Mudelli tal-pjanċa statutorja tal-manifattur**

5.1. Eżempji tal-mudelli varji possibbli tal-pjanċa statutorja tal-manifattur huma mogħtija fl-appendiċi ta' dan l-Aness.

5.2. Id-dejta mogħtija fuq il-mudelli hija fittizja.

PARTI B

**Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)**

1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

1.1. VIN għandu jkun immarkat fuq kull vettura.

1.2. Il-VIN għandu jkun uniku u attribwit b'mod mhux ekwivoku lil vettura partikolari.

1.3. Il-VIN għandu jkun immarkat fuq ix-xażi jew il-vettura meta l-vettura titlesta mill-linja ta' produzzjoni.

1.4. Il-manifattur għandu jiżgura t-traċċabilità tal-vettura permezz ta' VIN fuq perjodu ta' 30 sena.

1.5. L-eżistenza ta' miżuri meħuda mill-manifattur biex jiżgura t-traċċabilità tal-vettura msemmija fil-Punt 1.4 ma għandhiex għalfejn tiġi ċċekkjata fil-ħin tal-approvazzjoni skont it-tip.

2. **Il-kompożizzjoni tal-VIN**

2.1. Il-VIN għandu jikkonsisti fi tliet taqsimiet:

(a) in-numru tal-identifikazzjoni tal-manifattur dinji (WMI);

(b) it-taqsima dwar id-deskrizzjoni tal-vettura (VDS);

(c) it-taqsima dwar l-indiktur tal-vettura (VIS).

2.2. Il-WMI għandu jikkonsisti f'kodiċi mogħti lill-manifattur tal-vettura biex jgħinu jiġi identifikat.

2.2.1. Il-kodiċi għandu jkollu tliet karattri alfanumeriċi, ittri rumani kbar jew figuri numeriċi Għarab, li għandu jingħata mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn il-manifattur għandu l-post ewlieni ta' negozju.

2.2.2. L-awtorità kompetenti għandha taġixxi fi ftehim mal-organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Istandard ISO 3780: 2009 fuq "Vetturi tat-triq – Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-manifattur dinji (WMI)".

2.2.3. Fejn il-produzzjoni globali tal-manifattur tkun inqas minn 500 vettura fis-sena, it-tielet karattru għandu dejjem ikun '9'. Sabiex jiġu identifikati manifatturi bħal dawn, l-awtorità kompetenti msemmija fil-punt 2.2.1. għandha tagħti t-tielet, ir-raba' u l-ħames karattru tal-VIS.

2.3. Il-VDS għandu jikkonsisti f'sitt karattri alfanumeriċi, ittri rumani kbar jew figuri numeriċi Għarab, li għandhom jgħinu biex jindikaw il-karatteristiċi ġenerali tal-vettura. Fejn il-manifattur ma jużax wieħed jew aktar mis-sitt karattri, l-ispazji li ma jintużawx għandhom jimtlew b'karattri alfanumeriċi fid-diskrezzjoni tal-manifattur biex in-numru totali tal-karattri meħtieġa jkun 6.

2.4. Il-VIS għandu jikkonsisti fi tmien karattri alfanumeriċi, ittri Rumani kbar jew figuri numeriċi Għarab, li minnhom l-aħħar erbgħa għandhom jikkonsistu f'numri biss.

Għandu jipprovdi, flimkien mal-WMI u l-VDS, identifikazzjoni ċara ta' vettura partikolari. Kwalunkwe spazju mhux użat għandu jimtela bin-numru '0' sabiex in-numru totali tal-karattri meħtieġa jkun 8.

2.5. L-għoli tal-karattri tal-VIN ittimbrat fuq ix-xażi m'għandux ikun inqas minn 7 mm.

2.6. M'għandu jkun hemm l-ebda spazju bejn il-karattri.

2.7. L-użu tal-ittri 'I', 'O' jew 'Q' m'għandux ikun permess.

2.8. Il-bidu u t-tmiem tal-VIN għandu jkun limitat b'simbolu wieħed skont l-għażla tal-manifattur, l-ebda simbolu m'għandu jkun ittra Rumana kbira u lanqas figura numerika Għarbija.

2.8.1. Din id-dispożizzjoni tista' titneħħa meta l-VIN ikun immarkat fuq linja waħda.

2.8.2. Meta l-VIN ikun immarkat fuq iż-żewġ linji din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal kull linja.

*Appendiċi*

**Mudell tal-pjanċa statutorja tal-manifattur**

1. MUDELL A għall-vetturi tal-kategorija M1 jew N1

| |
|---|
| STELLA AUTO S.P.A |
| e3*2007/46*0004 |
| ZFS159000AZ000055 |
| 1 850 kg |
| 3 290 kg |
| 1 – 1 100 kg |
| 2 – 880 kg |

Mudell ta' pjanċa statutorja tal-manifattur għal vettura tal-kategorija M1 approvata skont it-tip fl-Italja

2. MUDELL B għall-vetturi tal-kategorija M jew N barra M1 jew N1

| | |
|---|---|
| MAYER NUTZFAHRZEUGE GmbH | |
| e1*2007/46*0345 | |
| WMN22500A00980520 | |
| (DE) | |
| 17 990 kg | 17 990 kg |
| 40 000 kg | 44 000 kg |
| 1 – 7 100 kg | 1 – 7 100 kg |
| 2 – 11 500 kg | 2 – 11 500 kg |
| T. – kg | T. – kg |

Mudell ta' pjanċa statutorja tal-manifattur għal vettura tal-kategorija N3 approvata skont it-tip fil-Ġermanja
*Nota:* il-kolonna fuq in-naħa tax-xelluq mhijiex obbligatorja

3. MUDELL C għall-vetturi tal-kategorija O1 jew O2

| |
|---|
| JEAN HORSE TRAILERS Ltd |
| e11*2007/46*0085 |
| SARHT000BC0000023 |
| 1 500 kg |

| |
|---|
| 0 – 100 kg |
| 1 – 850 kg |
| 2 – 850 kg |

Mudell ta’ pjanċa statutorja tal-manifattur għal vettura tal-kategorija O2 approvata skont it-tip fir-Renju Unit

4. MUDELL D għall-vetturi tal-kategorija O barra O1 jew O2

| | |
|---|---|
| REMORQUES HENSCHLER SA | |
| e6*2007/46*0098 | |
| YA9EBS37009000005 | |
| (BE) | |
| 34 000 kg | 37 000 kg |
| 0 – 8 000 kg | 0 – 8 000 kg |
| 1 – 9 000 kg | 1 – 10 000 kg |
| 2 – 9 000 kg | 2 – 10 000 kg |
| 3 – 9 000 kg | 3 – 10 000 kg |
| T. 27 000 kg | T. 30 000 kg |

Mudell ta’ pjanċa statutorja tal-manifattur għal vettura tal-kategorija O4 approvata skont it-tip fil-Belġju

*Nota:* il-kolonna fuq in-naħa tax-xelluq mhijiex obbligatorja

*ANNESS II*

**REKWIŻITI GĦAL POST FUQ VETTURA**

PARTI A

**Pjanċa statutorja tal-manifattur**

1. Il-pjanċa statutorja tal-manifattur għandha tkun imwaħħla sew f'pożizzjoni li tidher tajba u li tkun aċċessibbli fil-pront.

2. Il-post għandu jintgħażel b'tali mod li l-parti li fuqha tkun imwaħħla ma tkunx soġġetta għal bdil waqt l-użu.

PARTI B

**Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)**

1. Il-VIN għandu jkun immarkat fuq linja waħda.

1.1 Meta għal raġunijiet tekniċi bħal per eżempju nuqqas ta' spazju, il-VIN ma jkunx jista' jiġi mmarkat fuq linja waħda, l-awtorità nazzjonali tista', fuq talba tal-manifattur, tippermetti li l-VIN ikun immarkat fuq żewġ linji.

F'dan il-każ, it-taqsimiet imsemmija fil-punt 2.1 tal-Parti B tal-Anness I m'għandhomx jiġu interrotti.

2. Il-VIN għandu jkun immarkat permezz ta' timbru jew b'tismir mekkaniku fuq ix-xażi, qafas jew struttura simili oħra.

3. Metodi tekniċi li huma ppruvati li joffru l-istess livell ta' inalterabilità kontra t-tbagħbis jew il-falsifikazzjoni daqs it-tismir mekkanimu jistgħu jintużaw minflok dan il-metodu.

4. Il-VIN għandu jkun f'pożizzjoni kjarament viżibbli u aċċessibbli. Il-post għandu jintgħażel b'tali mod li ma jistax jitħassar jew jiddeterjora.

5. Il-VIN għandu jitqiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura.

*ANNESS III*

PARTI A

**Dokument ta' informazzjoni**

MUDELL LI GĦANDU JINTUŻA

Id-dokument ta' informazzjoni Nru … relatat mal-approvazzjoni skont it-tip KE ta' vettura bil-mutur u t-trejlers tagħha fir-rigward tal-pjanċa statutorja tal-manifattur u l-VIN.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi fornuta fi tliet kopji u għandha tinkludi l-werrej. Kull disinn għandu jiġi pprovdut fuq skala xierqa u f'dettal suffiċjenti fuq daqs A4 jew fuq folder ta' format A4. Ritratti, jekk hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

0. ĠENERALI

0.1. L-għamla (l-isem tan-negozju tal-manifattur): ...............................................................................................................

0.2. It-tip: ...............................................................................................................

0.2.1. L-isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): ...............................................................................................................

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([a]): ...............................................................................................................

0.3.1. Il-post ta' dak l-immarkar: ...............................................................................................................

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([b]): ...............................................................................................................

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ...............................................................................................................

0.6. Il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-pjanċa statutorja tal-manifattur: ...............................................................................................................

0.6.1. Fuq ix-xażi ([1]): ...............................................................................................................

0.6.2. Fuq il-karozzerija ([1]): ...............................................................................................................

0.7. Il-post tal-VIN: ...............................................................................................................

0.7.1. Fuq ix-xażi ([1]): ...............................................................................................................

0.7.2. Fuq il-karozzerija ([1]): ...............................................................................................................

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar: ...............................................................................................................

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm): ...............................................................................................................

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva: ...............................................................................................................

9. KAROZZERIJA

9.17. Pjanċi statutorji tal-manifattur u VIN

9.17.1. Ritratti u/jew disinji tal-postijiet tal-pjanċi statutorji tal-manifattur u l-iskrizzjonijiet u tal-VIN: ...............................................................................................................

9.17.2. Ritratti u/jew disinji tal-pjanċa statutorja tal-manifattur u iskrizzjonijiet (eżempji kompluti bid-dimensjonijiet):

9.17.3. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-VIN (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): ...............................................................................................................

9.17.4. Id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-punt 2.2. tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 19/2011

9.17.5. Deskrizzjoni fid-dettall tal-kompożizzjoni tal-VIN: ...............................................................................................................

*Noti ta' spjegazzjoni*

([a]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti biex jiddeskrivu t-tipi tal-vettura, tal-komponent jew tal-unita teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, karattri bhal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni mis-simbolu "?" (eż. ABC??123??)

([b]) Klassifikat skont id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE Parti A tal-Anness II.

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli.

PARTI B

**Ċertifikat tal-approvazzjoni skont it-tip KE**

MUDELL

Format: A4 (210 × 297 mm)

**ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI SKONT IT-TIP KE**

Timbru tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni skont it-tip

Komunikazzjoni dwar:

— approvazzjoni skont it-tip KE (1)
— estensjoni tal-approvazzjoni skont it-tip KE (1)
— rifjut tal-approvazzjoni skont it-tip KE (1)
— irtirar tal-approvazzjoni skont it-tip KE (1)

ta’ tip ta’ vettura fir-rigward tal-pjanċa statutorja tal-manifattur u n-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura

fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru …/…, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (UE) Nru …/… (1)

Numru tal-approvazzjoni skont it-tip KE: ………

Raġuni għall-estensjoni: ………

*TAQSIMA I*

0.1. L-għamla (l-isem tan-negozju tal-manifattur): ………

0.2. Tip: ………

0.2.1. L-isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): ………

0.3. Mezzi ta’ identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura (2): ………

0.3.1. Il-post ta’ dak l-immarkar: ………

0.4. Il-kategorija tal-vettura (3): ………

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ………

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar ………

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm): ………

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.
(2) Jekk il-mezz ta’ identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti biex jiddeskrivu t-tipi tal-vettura, tal-komponent jew tal-unita teknika separata koperti minn dan id-dokument ta’ informazzjoni, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni mis-simbolu “?” (eż. ABC??123??).
(3) Kif iddefinit fl-Anness II, Taqsima A.

*TAQSIMA II*

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-Addendum
2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: ...............................................................
3. Data tar-rapport tat-test: ...............................................................
4. Numru tar-rapport tat-test: ...............................................................
5. Rimarki (jekk hemm): ...............................................................
6. Post: ...............................................................
7. Data: ...............................................................
8. Firma: ...............................................................

Annessi: Pakkett ta' informazzjoni.

Rapport tat-test.

---

*Addendum*

**maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni skont it-tip KE Nru …**

Mhux applikabbli

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 20/2011**

**tal-11 ta' Jannar 2011**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | EC | 65,1 |
| | MA | 74,6 |
| | TR | 103,2 |
| | ZZ | 81,0 |
| 0707 00 05 | EG | 158,2 |
| | JO | 96,7 |
| | TR | 122,7 |
| | ZZ | 125,9 |
| 0709 90 70 | MA | 40,6 |
| | TR | 121,6 |
| | ZZ | 81,1 |
| 0709 90 80 | EG | 222,3 |
| | ZZ | 222,3 |
| 0805 10 20 | AR | 41,5 |
| | EG | 56,5 |
| | IL | 67,1 |
| | MA | 55,2 |
| | TR | 70,6 |
| | ZA | 41,3 |
| | ZZ | 55,4 |
| 0805 20 10 | MA | 67,6 |
| | TR | 79,6 |
| | ZZ | 73,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 129,3 |
| | HR | 46,1 |
| | IL | 67,6 |
| | JM | 94,4 |
| | MA | 107,5 |
| | TR | 74,4 |
| | ZZ | 86,6 |
| 0805 50 10 | TR | 56,7 |
| | UY | 49,2 |
| | ZZ | 53,0 |
| 0808 10 80 | AR | 78,5 |
| | CA | 99,7 |
| | CN | 98,3 |
| | EC | 79,3 |
| | US | 129,3 |
| | ZA | 124,2 |
| | ZZ | 101,6 |
| 0808 20 50 | CN | 69,6 |
| | US | 112,4 |
| | ZZ | 91,0 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT